

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/849**tal-24 ta' April 2023****li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PESK tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (2) Fil-25 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tikkundanna l-użu mifruq u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani kontra dimostranti mhux vjolenti, filwaqt li tinnota li dan kien wassal imwiet u għadd kbir ta' persuni midruba. Id-dikjarazzjoni sqarret ukoll li daww responsabbli għall-qtil ta' Mahsa Amini jridu jinżammu responsabbli, u appellat lill-awtoritajiet Iranjani biex jiżguraw investigazzjonijiet trasparenti u kredibbli biex jiċċaraw l-għadd ta' persuni mejta u arrestati, biex jeħilsu lid-dimostranti mhux vjolenti kollha u biex jipprovdu proċess xieraq lid-detenuti kollha. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni enfasizzat li d-deċiżjoni tal-Iran li jirrestrinġi severament l-aċċess għall-Internet u jimblokka pjattaformi ta' messaġġi istantanji tikser b'mod sfaċċat il-libertà tal-espressjoni. Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni sqarret li l-Unjoni ser tikkunsidra l-għażliet kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-qtil ta' Mahsa Amini u l-mod kif il-forzi tas-sigurtà Iranjani wiegħbu għad-dimostrazzjonijiet li segwew.
- (3) F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ikkonfermat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2022, jenħtieġ li tmien persuni u entità waħda jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2011/235/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' April 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

It-tmien persuni u l-entità li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"214.	NOBAVEHVATAN Bijan بیژن نوباه وطن	Data tat-twelid: 1959/1960 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazżjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-Parlament Iranjan; l-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni għall-Kultura tal-Parlament Iranjan	Bijan Nobaveh Vatan huwa leġiżlatur u estremist Iranjan kif ukoll l-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni għall-Kultura tal-Parlament Iranjan. Huwa wieħed mill-227 membru tal-Parlament li ffirmaw dikjarazzjoni fis-6 ta' Novembru 2022 li faħħret lill-forzi tas-sigurtà għall-qtil tad-dimostranti u ħeġġet lill-ġudikatura biex tħaffet il-proċessi u tikkundanna lid-dimostranti għall-mewt billi tiddikjarahom "Muharebeh", jew "mibegħda kontra Alla". Barra minn hekk, huwa forza li tixpruna l-leġiżlazzjoni li tinforza r-regoli restrittivi tal-ilbies fuq in-nisa billi tippromulga penali għall-istituzzjonijiet, in-negozji u l-individwi li jinteraġixxu ma' nisa li ma jikkonformawx, u b'hekk jinholq bojkott kontribhom. Bħala Membru tal-Parlament Iranjan, Nobaveh Vatan appoġġa l-qtil, id-detenzjoni u t-tortura ta' persuni matul il-protesti tal-2022/2023 fil-pajjiż kollu fl-Iran. Huwa jappoġġa wkoll il-leġiżlazzjoni li tirrevoka sostanzjalment id-drittijiet soċjali u ekonomiċi tan-nisa fl-Iran. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
215.	YAZDIKHAH Ali علی یزدی خواه	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-Parlament Iranjan; Membru tal-Kummissjoni għall-Kultura tal-Parlament Iranjan	Ali Yazdikhah huwa leġiżlatur u estremist Iranjan kif ukoll Membru tal-Kummissjoni għall-Kultura tal-Parlament Iranjan. Huwa wieħed mill-227 membru tal-Parlament li ffirmaw dikjarazzjoni fis-6 ta' Novembru 2022 li faħħret lill-forzi tas-sigurtà għall-qtil tad-dimostranti u ħeġġet lill-ġudikatura biex tħaffet il-proċessi u tikkundanna lid-dimostranti għall-mewt billi tiddikjarahom "Muharebeh", jew "mibegħda kontra Alla". Barra minn hekk, huwa forza li tixpruna l-leġiżlazzjoni li tinforza r-regoli restrittivi tal-ilbies fuq in-nisa billi tippromulga penali għall-istituzzjonijiet, in-negozji u l-individwi li jinteraġixxu ma' nisa li ma jikkonformawx, u b'hekk jinholq bojkott kontribom. Bħala Membru tal-Parlament Iranjan, Yazdikhah appoġġa l-qtil, id-detenzjoni u t-tortura ta' persuni matul il-protesti tal-2022/2023 fil-pajjiż kollu fl-Iran. Huwa jappoġġa wkoll il-leġiżlazzjoni li tirrevoka sostanzjalment id-drittijiet soċjali u ekonomiċi tan-nisa fl-Iran. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksar serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
216.	ALIBABAEI Mehdi مهدی علی بابایی (magħruf ukoll bħala ALI BABAEI Mehdi, BABAEI Ali Mehdi)	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Maġġur Funzjoni: deputat provinċjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) f'Qom	Il-Maġġur Mehdi Alibabaei huwa d-deputat provinċjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) f'Qom. Huwa jidderieġi l-forzi tal-IRGC u tal-Basij fil-belt ta' Qom. Wara l-mewt ta' Mahsa Amini f'Settembru 2022, kien hemm uħud mill-aktar protesti intensi fil-belt ta' Qom. Il-forzi tas-sigurtà, inkluż l-IRGC u l-milizzja tal-Basij ġew skjerati biex irażżnu b'mod vjolenti dawn il-protesti. Minn Marzu 2023, il-milizzja tal-IRGC u tal-Basij ingħataw struzzjonijiet ukoll biex jinfuraw il-liġi obbligatorja tal-ħiġab permezz ta' metodi ġodda ta' oppressjoni. Alibabaei żvela skema ġdida biex jiġu skjerati membri tal-milizzja tal-Basij f'kull viċinat ta' Qom biex tiġi infurzata l-liġi tal-ħiġab. L-iskema l-ġdida tinkludi l-installazzjoni ta' programmi bħal "Kun mexxej famuż fil-viċinat tagħna", li jordnaw lill-forzi tal-IRGC/tal-Basij biex iwettqu pattulji tal-viċinat, l-użu ta' intelligence, intimidazzjoni, u jinfuraw ir-responsabbiltà ta' ċittadini regolari (pereżempju bl-appell għar-responsabbiltà tal-manigera ta' bini u residenzi għal residenti "bil-velu milbus ħażin"). Din l-iskema tirrappreżenta livell ġdid ta' denunzja u ġbir ta' informazzjoni mill-popolazzjoni ġenerali biex jiġu oppressi n-nisa. Taħt il-kmand ta' Alibabaei, il-forzi lokali tal-IRGC u tal-Basij f'Qom huma ordnati jinfuraw ċerti liġijiet magħżula, b'mezzi u metodi li jintimidaw liċ-ċittadini u jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom. Bħala deputat provinċjali tal-IRGC f'Qom, il-Maġġur Mehdi Alibabaei huwa responsabbli mill-atti ta' oppressjoni mwettqa mill-forzi lokali tal-IRGC u tal-Basij u l-ksur min-naħa tagħhom tad-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u l-privatezza. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
217.	NOUROUZI Ali Asghar (magħruf ukoll bħala NOROUZI Ali Asghar)	Data tat-twelid: 11.11.1962 Post tat-twelid: Dashtestan, Bushehr province, Iran Indirizz: Unit 29, 5th Floor, Talaieh Block-B1, Elahiyeh Complex 1, Number 0, Alley 2-Shahid Sajjad Rushanai, Rabbaninejad Street, Zein Aldin Municipality, Qom 3739144673, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-passaport: Y53914915 (Iran) li jiskadi fil-11.5.2026 Numru tal-identità nazzjonali Iranjan: 4591967573 Funzjoni: president tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Individwi assoċjati: Seyyed Aminollah; Emami Tabatabai; Yahya Alaoddini; Jamal Babamoradi; Ahmad Karimi Entitajiet assoċjati: Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)/Bonyad Taavon Sepah IRGC	Ali Asghar Nourouzi huwa l-president tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) elenkata mill-UE. L-IRGC kien minn ta' quddiem fir-repressjoni tal-protesti tal-2022/2023 fl-Iran li raw aktar minn 520 persuna maqtula, li aktar minn 70 minnhom kienu minorenni, u aktar minn 22 000 arrest/priġunerija. Il-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC hija l-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-investimenti tal-IRGC u f'dak il-qafas hija responsabbli li għaddiet il-flus għar-repressjoni brutali tar-reġim. Bħala president tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC, Ali Asghar Nourouzi huwa għalhekk responsabbli li pprova volontarjament u konxjament l-istrumenti li bihom twettqet u għada ssir ir-repressjoni brutali. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
218.	TABATABAI Seyyed Amin Ala Emami (magħruf ukoll bħala TABATBAYI Aminallah Imami)	Data tat-twelid: 26.8.1963 Post tat-twelid: Meybod, Iran Indirizz: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali Iranjan: 4489260229 Funzjoni: viċi president tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC); direttur maniġerjali tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC Individwi assoċjati: Ali Asghar Nourouzi; Yahya Alaoddini; Jamal Babamoradi; Ahmad Karimi Entitajiet assoċjati: Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)/Bonyad Taavon Sepah IRGC	Seyyed Amin Ala Emami Tabatabai huwa l-viċi president tal-bord tad-diretturi kif ukoll id-direttur maniġerjali tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) elenkata mill-UE. L-IRGC kien minn ta' quddiem fir-repressjoni tal-protesti tal-2022/2023 fl-Iran li raw aktar minn 520 persuna maqtula, li aktar minn 70 minnhom kienu minorenni, u aktar minn 22 000 arrest/priġunerija. Il-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC hija l-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-investimenti tal-IRGC u f'dak il-qafas hija responsabbli li għaddiet il-flus għar-repressjoni brutali tar-reġim. Bħala viċi president tal-bord tad-diretturi u direttur maniġerjali tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC, Seyyed Amin Ala Emami Tabatabai huwa għalhekk responsabbli li pprovda volontarjament u konxjament l-istrumenti li bihom twettqet u għada ssir ir-repressjoni brutali. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
219.	ALAODDINI Yahya (magħruf ukoll bħala ALA'ODDINI Yahya; ALAEDDINI Yahya)	Data tat-twelid: 21.5.1965 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-passaport: K47201906 (Iran), jiskadi fid-19.10.2023 Numru tal-identità nazzjonali Iranjan: 0036732958 Funzjoni: membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Individwi assoċjati: Ali Asghar Nourouzi; Jamal Babamoradi; Ahmad Karimi; Seyyed Amin Ala Emami Tabatabai Entitajiet assoċjati: Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)/Bonyad Taavon Sepah IRGC	Yahya Alaoddini huwa membru tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) elenkata mill-UE. L-IRGC kien minn ta' quddiem fir-repressjoni tal-protesti tal-2022/2023 fl-Iran li raw aktar minn 520 persuna maqtula, li aktar minn 70 minnhom kienu minorenni, u aktar minn 22 000 arrest/priġunerija. Il-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC hija l-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-investimenti tal-IRGC u f'dak il-qafas hija responsabbli li għaddiet il-flus għar-repressjoni brutali tar-reġim. Bħala membru tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC, Yahya Alaoddini huwa għalhekk responsabbli li pprovda volontarjament u konxjament l-istrumenti li bihom twettqet u għada ssir ir-repressjoni brutali. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
220.	BABAMORADI Jamal Ali	Data tat-twelid: 24.5.1960 Post tat-twelid: Tehran, Iran Indirizz: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali Iranjana: 0036824240 Funzjoni: membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Individwi assoċjati: Ali Asghar Nourouzi; Ahmad Karimi; Yahya Alaoddini; Seyyed Amin Ala Emami Tabatabai Entitajiet assoċjati: Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)/Bonyad Taavon Sepah IRGC	Jamal Ali Babamoradi huwa membru tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) elenkata mill-UE. L-IRGC kien minn ta' quddiem fir-repressjoni tal-protesti tal-2022/2023 fl-Iran li raw aktar minn 520 persuna maqtula, li aktar minn 70 minnhom kienu minorenni, u aktar minn 22 000 arrest/priġunerija. Il-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC hija l-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-investimenti tal-IRGC u f'dak il-qafas hija responsabbli li għaddiet il-flus għar-repressjoni brutali tar-reġim. Bħala membru tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC, Jamal Ali Babamoradi huwa għalhekk responsabbli li pprovda volontarjament u konxjament l-istrumenti li bihom twettqet u għada ssir ir-repressjoni brutali. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
221.	KARIMI Ahmad Hasan	Data tat-twelid: 11.12.1962 Post tat-twelid: Qom, Iran Indirizz: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali Iranjan: 0382947983 Funzjoni: membru tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Individwi assoċjati: Ali Asghar Nourouzi; Yahya Alaoddini; Seyyed Amin Ala Emami Tabatabai; Jamal Ali Babamoradi Entitajiet assoċjati: Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)/Bonyad Taavon Sepah IRGC	Ahmad Hasan Karimi huwa membru tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) elenkata mill-UE. L-IRGC kien minn ta' quddiem fir-repressjoni tal-protesti tal-2022/2023 fl-Iran li raw aktar minn 520 persuna maqtula, li aktar minn 70 minnhom kienu minorenni, u aktar minn 22 000 arrest/priġunerija. Il-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC hija l-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-investimenti tal-IRGC u f'dak il-qafas responsabbli li għaddiet il-flus għar-repressjoni brutali tar-reġim. Bħala membru tal-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC, Ahmad Hasan Karimi huwa għalhekk responsabbli li pprova volontarjament u konxjament l-istrumenti li bihom twettqet u għada ssir ir-repressjoni brutali. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	24.4.2023

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"35.	Ariantel	Indirizz: Ariantel Head Office, No. 15, 15th alley, South Gandhi Street, Tehran, Iran Sit web: http://www.ariantel.ir Tip ta' entità: kumpanija privata	Ariantel hija fornitur tas-servizzi mobbli Iranjan, li kien minn ta' quddiem nett fit-tnedija tal-arkitettura komprensiva tas-sorveljanza tat-telekomunikazzjoni mmappjata mill-Gvern Iranjan biex trażżan id-dissens u l-ilħna kritiċi fl-Iran. Ariantel fittxet u tagħmel użu b'mod attiv minn prodotti ta' cyberware użati għall-monitoraġġ, il-ġeolokalizzazzjoni u l-interċettazzjoni ta' telefonati u attivitajiet ta' komunikazzjoni mobbli oħra tal-utenti tagħha fuq talba tal-Gvern Iranjan. Sussegwentement, din l-informazzjoni ntużat biex jiġu mraġżna u sfrattati l-protesti u biex jiġu identifikati, immirati u arrestati dimostranti u attivisti paċifiċi. Għalhekk, Ariantel hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	24.4.2023"